MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 399/2013

**John Daniel MERCIECA**
**ID No.576688-(M)**

**vs**

**BETCLASS Limited**
**(C-27816) u b'digriet datat**
**21 ta' Frar 2014 saret korrezzjoni sabiex**
**isem is-Socjeta' konvenuta jkun jaqra**
**Betklass Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi dana t-Tribunal jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf hames mija u hamsin ewro (€1,550.00) dovuta mis-Socjeta' konvenuta lill-attur skont

skrittura datata 17 ta’ Jannar, 2012 (kopja ta’ liema hija hawn annessa bhala Dok.’A’).

Bl-imghax mis-17 ta’ Jannar, 2012, u bl-ispejjez kontra s-Socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Ra r-rikors tal-attur datat 21 ta’ Frar, 2014 li permezz tieghu talab korrezzjoni fl-okkju fl-isem tas-Socjeta’ konvenuta, in kwantu l-isem “Betclass” ikun jaqra “Betklass”; ra d-digriet tieghu tal-istess data, li permezz tieghu din it-talba giet milqugha, filwaqt illi ordna n-notifika mill-gdid tal-atti kif korretti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-Socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz kif korrett, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li naqas li jidher rapprezentant tas-Socjeta’ konvenuta sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-Socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ elf hames mija u hamsin ewro (€1,550.00), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-Socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------